**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 18, 49, 50, 188, 308, 309, 310 u 533**
**tal-Kap. 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:455 /2005***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**JOSEPH ATTARD**
**(Karta tal-Identita’ Nru.: 252360M)**
**JOSEPH MANUEL GALEA**
**(Karta tal-Identita’ Nru.: 31182M)**

**Illum 6 ta’ Ottubru, 2015.**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **JOSEPH ATTARD** ta' 45 sena, bin Joseph u Emanuela nee' Vella, imwieled Mellieha fid-19 ta' Marzu 1960,

U

**JOSEPH MANUEL GALEA** ta' 46 sena, bin il-mejjet Charles Vincent Felix u l-mejta Josephine Mary Vicky nee' Fenech, imwieled Sydney, l-Awstralja fit-23 ta' Dicembru 1958;

Gew imressqa quddiemha w akkuzati talli bejn l-1 t'Ottubru 2003 u t-30 ta' Novembru, 2003, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn LM100 imma inqas minn LM1,000.00 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u persuni ohra;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lok, u cirkustanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

U b'hekk, **JOSEPH GALEA** sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom zewg (2) estratti mill-att tat-twelid taz-zewg imputati mmarkati bhala Dok. KA1 u KA2 rispettivament a fol. 52 u 53 tal-Process u l-Fedini Penali tal-imputati esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2014 (fol. 98 sa 104).

**Rat illi din il-kawza giet assenjata temproranjamaent lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef u b'mod permanenenti permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni datat 21 ta' Novmebru 2014.**

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2014 xehed **Robert Bugeja** u ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati esebixxa Proces Verbal rigwardanti Inkjesta dwar id-dhul ta' hamsa u ghoxrin (25) kaxxa tadam minn barra fil-Pitkalija, li fuqhom intalab is-sussidju fl-ghaxra (10) ta' Novembru, 2003 liema dokument esebit gie markat bhala Dok. RB1.

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2014 xehed l- **Ispettur Ian Joseph Abdilla** u spjega li fl-ghaxra (10) ta' Novembru, 2003 huwa kien gie mitlub biex jassisti lill-Ispettur Kevin Farrugia dak iz-zmien stazzjonat l-Ghassa ta' Birkirkara fuq investigazzjoni li kienet qeghda ssir fuq rapport li l-

Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kien ghamel mal-Pulizija dwar allegat kaz fejn tadam allegatament imkabbar barra mill-pajjiz kien qieghed jiddahhal bhala tadam imkabbar lokalment gewwa l-Pitkalija. Din il-*kwerela* kien ghamilha s-Sur Anthony Mifsud dak iz-zmien Direttur tal-Agrikoltura fl-istess Ministeru fejn f'dan ir-rapport kien hemm allegat li certu Joseph Galea li kien joqghod 'Silvestru', Triq il-Qammieh, Mellieha kien dahhal tadam il-Pitkalija, Ta' Qali, liema tadam kien impurtat minn barra u ghalhekk ma kellux jigi kunsidrat daqs li kieku kien qed jigi mkabbar lokalment gewwa s-serer li huwa ghandu.

Fl-istess rapport kien gie allegat li Galea kien importa madwar seba' (7) tunellati ta' tadam mill-Italja u kien ipprova jdahhal madwar zewg (2) tunellati tadam il-Pitkalija minnhom. Is-Sur Mifsud kien infurmahom li Joseph Galea kien jahdem bil-permessi ghall-Pitkalija flimkien ma' martu Beatrice u kellu *partner* bl-isem ta' Joseph Attard. Ma' din il-kwerela is-Sur Mifsud kien ghaddielhom rapport dettaljat datat sebgha (7) ta' Novembru, 2013 li kien sar minn Peter Agius, Frans Sammut u Charles Sammut, Ufficjali li kienu jahdmu fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, fejn dawn l-Ufficjali kienu sabu li gol-*crates* li dahlu l-Pitkalija kien hemm zewg (2) tipi ta' tadam, parti kien misjur hafna w parti kien ghadu iktar, inqas misjur. Intqal ukoll li kienu sabu li parti mit-tadam kien qieghed *loose* u parti kien qieghed f'ghenieqed u ghalhekk indikawlhom li kien gie indikat li kien hemm zewg (2) tipi ta' tadam li wiehed minnhom x'aktarx ma kienx tal-lokal.

Fl-istess rapport qalulhom ukoll li kien jidher li dan it-tadam kien gej minn zewg (2) sorsi differenti u nfurmawhom ukoll li kienu marru jispezzjonaw is-serer tas-Sur Galea li kellu fil-Mellieha u nnotaw li t-

tadam li kellu s-Sur Galea fis-serer tieghu fil-Mellieha kien ghadu ahdar wisq, kien ghadu mhux misjur bizzejjed biex jiddahhal il-Pitkalija.

F'dan l-istadju spejga li fl-ghaxra (10) ta' Novembru, 2003, huwa flimkien mal-Ispettur Kevin Farrugia, kienu tkellmu ma' dawn l-Ufficjali w spjegawlhom ukoll x'kien qieghed jigri. Kienu gew infurmati li kollox beda fis-sitta (6) ta' Novembru, 2003 meta Joseph Galea kien dahhal tmintax(18)-il kaxxa tadam go wiehed mic-Centri tal-Pitkalija waqt li Joseph Attard dahhal tmien (8) kaxxi ohra, w li sussegwentement il-Pitkalija ssuspettaw li dan it-tadam ma kienx prodott lokali imma t'origini barranija u li kien iddahhal proprju l-Pitkalija biex jigi kklejmjat is-sussidju li l-Gvern jaghti fuq il-prodott lokali meta ma kienux intitolati biex jiehdu dan is-sussidju.

Kienu gew infurmati li kienet lahqet inbieghet biss kaxxa wahda minn dan it-tadam u li l-kumplament kien qieghed mahzun gewwa mahzen fil-Pitkalija stess. Huma kienu ddecidew li l-aktar haga mportanti f'dak l-istadju huwa (proprju peress li t-tadam hu xi haga *perishable* u li kien ghaddej iz-zmien) li jiehdu l-passi necessarji biex jippreservaw kif jistghu din l-evidenza u ghal dan l-iskop kienu nfurmaw lill-Magistrat tal-Ghassa, dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Abigail Lofaro, fejn talbuha li kellhom bzonn jifthu nkjesta proprju biex jezaminaw dan it-tadam u sabiex jigi nominat espert biex ikun jista' jghidilhom jekk dan it-tadam hux lokali jew barrani w jaghmel deskrizzjoni w distinzjoni fit-tadam li kien hemm.

Jghid li l-Magistrat Lofaro kienet hatret lil Dr. Anthony Vella li dak iz-zmien kien jahdem fid-Dipartiment tal-Agrikoltura gewwa l-

Universita' ta' Malta flimkien ma' fotografu mid-Dipartiment tas-SOCO. Jghid li l-espert kien sahasntira anke mar fuq il-post fejn kien hemm it-tadam u ttiehdu t-testijiet u l-kampjuni necessarji. Sussegwentement fil-hdax (11) ta' Novembru, 2003 Joseph Galea u Joseph Attard (li gharaf prezenti fl-Awla) kienu gew arrestati fuq din l-investigazzjoni. Kienet saret tfittxija fir-residenzi taghhom, fl-eghlieqi taghhom u fis-serer taghhom gewwa l-Mellieha. Minn hemmhekk kienu anke raw it-tadam imsemmi w sussegwentement kienu anke ttiehdu xi kampjuni mill-istess espert gja nominat .

Kien ukoll gie nnutat li fir-residenza tas-Sur Gelea, go garaxx li kellu fuq gewwa, kien hemm numru ta' kaxxi, cioe’ *crates* tal-injam li kien jidher li kellhom origini ta' *supplier* Taljan ghax kellhom *label* ta' *supplier* ta' hxejjex Taljani u dawn il-kaxxi kienu wkoll ippakkjati bit-tadam. Inoltre kien gie nnutat ukoll li kien hemm xi kaxxi vojta fl-istess *batch*. Spjega li sussegwentement kemm is-Sur Galea kif ukoll is-Sur Attard kienu ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk ittehditilhom stqarrija w fejn it-tnejn kienu cahdu li kienu qeghdin jaghmlu dan l-affarijiet gewwa l-Pitkalija.

Ix-xhud kompla li l-ewwel indikazzjoni li kien tahom Dr. Antoine Vella, kienet li minn ezami inizjali li kien ghamel kien jidher li dan it-tadam li kien hemm il-Pitkalija kien gej minn zewg (2) sorsi differenti, imma kien jonqsu iktar xoghol x'jaghmel biex ikun jista' jistabbilixxi iktar fid-dettal. F'dan l-istadju l-Ispettur Abdilla esebixxi bhala dokument KA3 kopja tar-rapport li kienu ghaddewlhom il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent iffirmat mis-Sur Mifsud. Mieghu hemm annessi d-dokumenti kollha li dahlu l-Pitkalija kif ukoll ir-rapporti tal-*Inspectors* tal-Pitkalija.

Ipprezenta bhala Dok. KA4 dokumenti li kienu ghaddewlhom l-imputati, sa fejn jiftakar kien ghaddihomlhom is-Sur Galea, u li minn ezami ta’ dawn id-dokumenti jidher it-tadam li kien xtara. Esebixxa wkoll id-dokumenti kollha relattivi tad-Dwana w *invoices* li gew immarkati bhala Dok. KA4. Ipprezenta bhala Dok. KA5 l-istqarrija ta' Joseph Attard l-imputat li huwa gharaf prezenti fl-Awla. Fiha gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur Kevin Farrugia, filwaqt li qal li s-Sur Attard kien iddecieda li ma jiffirmax din l-istqarrija. Spjega li din l-istqarrija kienet ittiehdet wara li nghatat it-twissija skond il-ligi ta' dak iz-zmien, liema stqarrija ma kinitx tinkludi d-dritt li l-imputat ikun assistit u lanqas id-dritt li s-susspettat jikkonsulta mal-Avukat qabel l-interrogazzjoni. Bhala Dok. KA6 ipprezenta l-istqarrija li kien irrilaxxa t-tieni imputat, Joseph Galea li huwa gharfu prezenti fl-Awla, stqarrija li kienet ittiehdet minnu fil-prezenza ta' PS 494 Gordon Borg. Joseph Galea kien iffirma din l-istqarrija fuq tliet (3) faccati. Fiha x-xhud gharaf il-firem ta' kulhadd. Din l-istqarrija wkoll kienet ittiehdet wara li s-Sur Galea kien inghata t-twissija skond il-ligi ta' dak iz-zmien, liema ligi ma kinitx tinkludi d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat tieghu qabel jigi nterrogat.

L-**Ispettur Ian Abdilla xehed in kontro-ezami nhar it-22 ta’ Lulju, 2014.** Gie mistoqsi kemm hi l-kwantita' ta' serq ta' tadam involut f'dan il-kaz. Ghamel referenza ghal Dokument KA3 u spjega li hemm indikat diversi dokumentazzjoni dwar kwantita' f'*kilos* ta' prodott li dahal il-Pitkalija w sussegwentement anke hemm indikat il-valur u s-sussidju li nghata fuqu. Stqarr li l-ezami sar fuq hamsa w ghoxrin (25) kaxxa, ghaliex dan kien kull ma sabu l-Pitkalija w ghand l-imputat mill-hin gew infurmati bil-kaz. Zied pero' li naturalment l-

investigazzjoni taghhom marret lura biex jaraw x'tadam kien iddahal il-Pitkalija mill-imputati. Pero' kkjarifika li l-inkjesta effettivament infethet limitatament ghal dawk il-hamsa w ghoxrin (25) kaxxa li nstabet dakinhar tat-tfittxija taghhom peress li naturalment il-prodott l-iehor kien diga' imbiegh. Spjega li huma kienu gew infurmati bil-kaz mill-ufficjali tal-Agrikoltura u kienu dawn li identifikawlhom dawn il-kaxxi bil-prodotti li kienu mdahhla l-Pitkalija mill-imputati.

Mistoqsi x'sar minnhom dawn il-hames (5) tunnellati differenza bejn is-seba' (7) tunnellati msemmija fir-rapport ta' KA3 u z- zewg (2) tunnellati li l-imputati dahlu l-Pitkalija, spjega illi ma jafx u skond hu din hi domanda li trid tigi mposta lir-rappresentanti tal-Ministeru tal-Agrikoltura. Ix-xhud sostna li huwa mexxa fuq l-informazzjoni li tah is-Sur Mifsud fil-kariga tieghu bhala Rappresentant tal-Agrikoltura. Pero', zied, hu stess ra b'ghajnejh li kien hemm zewg (2) kwalitajiet ta' tadam ghax *di viso* jintaghrfu w kien ghalhekk li nfethet inkjesta sabiex jidhlu iktar fid-dettall.

Qal li skond l-*invoice* esebita fl-atti mmarkata bhala dokument KA4 jidher illi l-bexx u z-zerriegha giet mill-Italja, pero' kompla li ma kienx hu li stabbillixxa l-fatt illi bl-istess zerriegha w bl-istess klima fl-Italja l-prodott jikber differenti. Qal li din id-domanda trid issir lill-espert. Indika lid-difiza, fuq domanda taghha stess, fejn fir-ritratt 03CZC103 hemm indikat SP1.

Spjega li l-bdiewa m'ghandhomx il-kaxxi taghhom u li appena tidhol kaxxa fuqha jkun hemm *sticker* fuq *sticker*. Wera kull fejn jidher li hemm imnizzel SP1 fuq ir-ritratti O3CZC107, 109, 110 111, u darbtejn fir-ritratt 112. Dawn ir-ritratti kienu pprezentati fl-atti tal-

inkjesta minn PC 186 Kristian Mintoff. Mistoqsi jekk hux minnu li s-sussidju SMPPMA hareg mill-Gvern ta' Malta w mhux mill-Ewropa wiegeb illi safejn jaf hu s-sussidju kollu johrog mill-Gvern ta' Malta, w li huma l-fondi ghal dan is-sussidju li jigi mill-Ewropa.

Ghalkemm ammetta li l-incident in kwistjoni sehh fl-2003, filwaqt illi Malta dahlet fl-Ewropa fl-2004, sostna li l-Ewropa bdiet taghti fondi lil Malta hafna qabel ma dhalna fl-Ewropa. Biss zied li huwa ma dahalx fil-kwistjoni ta' minn fejn gew il-fondi ghax din ma kinitx parti mill-investigazzjoni tieghu. Qal ukoll li l-fondi li kienu jibbenefikaw minnhom il-bdiewa dak iz-zmien, kienu differenti mill-fondi ta' llum.

Illi nhar is-17 ta' Novembru, 2014 rega' xehed in kontro ezami l-**Ispettur Ian Joseph Abdilla** u mistoqsi jekk huwa giex infurmat fil-bidu tal-investigazzjoni tieghu li l-Pitkalija hija diviza f'zewg (2) branki u cioe' l-Pitkalija l-proprja u l-kooperattiva spjega illi bhala rizultanzi ma rrizultalux hekk fis-sens illi dawn il-kliem kienu qed jigu ssuggerit lilu mid-Difiza. Pero' minn investigazzjoni ohra u *general knowledge* jaf li l-Pitkalija hija maqsuma, il-Pitkalija bhala l-amministrazzjoni tal-Gvern, numru ta' Pitkala u wahda minn dawn il-Pitkali hija fil-fatt il-kooperattiva u jista' jkun li kien hemm xi zmien meta kien hemm Pitkali iehor barra l-Pitkalija li kienet maghrufa bhala QBG.

Mistoqsi jekk huwa vverifikax il-prezzijiet tat-tadam mertu tal-kawza kemm kien jinbiegh dak iz-zmien spjega illi dak li jaf huwa dak li jirrizulta mid-dokumenti. Spjega li ai fini ta' investigazzjoni iktar kien jinteressahom dwar is-sussidju li kien jinghata. Cahad dak li qed

jigi ssuggerit lilu mid-Difiza li effettivament din il-kawza titratta biss fuq *one pound point one cent* (Lm1.01) Maltin bhala frodi.

Mistoqsi jekk irrizultalux li t-tadam effettivament jinbiegh bis-sistema ta' rkant, spjega illi minn dak li jaf hu l-Pitkalija tahdem b'din is-sistema ta' rkant u ghalhekk bl-istess manjiera li tahdem l-*istock exchange*. Pero' qal ukoll li ma jafx li fil-fatt ikun hemm *lowest* u *highest bid* fuq il-bejgh tat-tadam. Jaf illi kull persuna li tiehu l-prodott biex jinbiegh fil-Pitkalija jkollha *unique trader number* u rrizultalu li effettivament l-imputat Galea kellu dan il-*unique trader number*.

Mistoqsi jekk irrizultalux kemm effettivament Galea kien biegh tadam f'dak il-perjodu, spjega li iva, dan jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita. Mistoqsi jekk rahiex stramba li effettivament allegatament id-DG kien qed jghid illi l-prodott ta' Galea kien pessimu u sussegwentement gab l-ghola prezz fis-suq spjega li dan ma rrizultalux ghax huwa ma dahalx fil-kwistjoni tal-prezz.

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2014 xehed l-**Ispettur Kevin Farrugia** u spjega li fl-elfejn u tlieta (2003) meta hu kien stazzjonat l-Ghassa ta' Birkirkara, kellu rapport mid-Dipartiment tal-Agrikultura, minghand is-Sur Mifsud, dwar allegat frodi ta' tadam. Sussegwentement minhabba n-nuqqas tieghu ta' esperjenza tieghu dwar frodi, huwa nforma lit-taqsima tal-Economic Crime, u cioe' lis-Sur Ian Abdilla, kif ukoll giet infurmata l-Magistrat Inkwirenti dwar dan il-kaz. Sussegwentement ukoll saru l-arresti taz-zewg (2) imputati prezenti w gew investigati. Ikkonferma wkoll li ttiehdu stqarrijiet, liema

stqarrijiet ikkonfermahom. Gie muri Dok. KA5 u spjega li din hija l-istqarrija ta' Joseph Attard u kkonferma li fuqha gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur Abdilla u zied li Joseph Attard kien ghazel li ma jiffirmax. Zied li kienet inghatat it-twissija li kienet tinghata dak iz-zmien. Ikkonferma wkoll Dok. KA6, li hija stqarrija ta' Joseph Galea, fejn gharaf il-firma tal-Ispettur Abdilla, tal-imputat Joseph Galea li kien ghazel li jiffirma, w ta’ PS494 li huwa stazzjonat ukoll l-Economic Crime bhala xhud. L-Ispettur Farrugia sostna li dak kien l-involviment tieghu u li ghall-habta tal-elfejn u hamsa (2005) huwa kien baghat *file* l-Economic Crime u minn dakinhar huwa ma kienx aktar involut u ghaldaqstant m’ghandux izjed x'izid fuq dan il-kaz.

Illi nhar il-21 ta’ Frar, 2014 xehed **PS 494 Gordon Borg** li meta gie mistoqsi f'xiex kien involut f'din l-investigazzjoni huwa spjega li jiftakar li kellhom rapport fejn kien hemm xi allegazzjoni ta' importazzjoni ta' tadam u fejn kien hemm xi sussidju li kien qed jinghata fuq tadam li ma kienx qed jigi prodott lokalment. Jiftakar li kienu marru go xi eghlieqi fejn hemmhekk raw u gie elevat xi tadam. Spjega wkoll li kien prezenti ghall-istqarrija ta’ Joseph Galea, fejn inghatat is-soltu twissija skond il-Ligi. Gie muri dokument KA6, stqarrija ta' Joseph Galea, u spjega li jikkonferma l-istqarrija li fiha tlitt (3) faccati, fejn inghatat is-soltu twissija, fejn l-akkuzat ghazel ukoll li jiffirma l-istqarrija u kkonferma l-firma tieghu kif ukoll tal-Ispettur. Mistoqsi jekk jaghrafx hemmhekk lis-Sur Galea huwa wiegeb fl-affermattiv.

Illi nhar il-21 ta’ Frar, 2014 xehed **PS 1525 Patrick Farrugia** u spjega li a fol. sittax (16) tal-Proces Verbal 'Il-Pulizija kontra Joseph Attard et' hemm ir-relazzjoni tieghu prezentata nhar l-ewwel (1) ta'

Dicembru, tal-elfejn u tlieta (2003) rigwardanti ritratti mehuda gewwa ghalqa fl-inhawi tal-Ahrax, il-Mellieha gewwa serer fl-inhawi tal-Qammieh u gewwa garaxx fil-Mellieha nhar il-hdax (11) ta' Novembru, tal-elfejn u tlieta (2003). Gharaf ir-relazzjoni maghmula minnu flimkien ma' *envelope* li jikkontjeni hamsa w erbghin (45) ritratt bil-kulur, liema envelop ghadu ssigillat kif hallieh hu w ikkonferma li r-ritratti hadhom hu. Qal li m’ghandu xejn x'izid jew x'inaqqas.

Illi nhar il-21 ta’ Frar, 2014 xehed **Anthony Mifsud** li ddikjara li mill-2002 sal-2008 kien Direttur tal-Agrikoltura. Gie muri d-dokument KA 3 u kkonfermax li dak huwa r-rapport li kien ghamel lill-Pulizija. Mistoqsi x’kien gara u kif kien involut spjega li kien gie nfurmat li kien dahal tadam impurtat gol-Pitkalija. Qal li dak iz-zmien fil-Pitkalija kienu johorgu sussidji tal-Ewropa fuq il-prodott Malti li jidhol fil-Pitkalija u prodott impurtat ma setax jidhol fil-Pitkalija. Ghaldaqstant irraportaw lill-Pulizija biex jinvestigaw. Mistoqsi jekk hu rahx dan it-tadam u kienx baghat xi nies minn tieghu biex jaraw dan it-tadam huwa spjega li iva. Qal li ghalkemm illum ghaddew hdax (11)– il sena, jiftakar li kien involut il-Manager ta’ dak iz-zmien, kienu baghtu lil Peter Aguis biex jikkonferma fuq il-possibilta li t-tadam kien impurtat. Ix-xhud jiftakar li kien ra t-tadam li kien f’eghnieqed, iz-zkuk tieghu kienu niexfa w kien jidher li ilu maqtugh. Jghid li t-tadam tas-serer kien ghadu kif jibda jilhaq, ghax fis-Sajf jieqfu w imbaghad jergghu ihawwlu mill-gdid. Spjega li l-prezz tat-tadam tas-serer ikun gholi dak iz-zmien peress li jkun ghadu jibda. Allura spjega li dan it-tadam li kien biz-zkuk niexfin, u t-tadam kien jidher li skorrut, ma setax kien prodott Malti, ghax bil-prezz li kien l-ebda bidwi mhux ha jhalli t-tadam jinxef imbaghad idahhlu l-Pitkalija.

Kompla li huma mbaghad kienu baghtu lil Peter Aguis, li kien inkarigat mis-serer, biex jikkonferma wkoll u jaghti l-opinjoni tieghu. Mistoqsi jekk lis-Sinjuri li kienu fuq l-ewwel bank jafhomx huwa spjega li iva, Joe Galea u Joe Attard. Mistoqsi kif jafhom huwa spjega li jafhom bhala bdiewa w li hu jaf hafna mill-bdiewa. Jaf li Joe Galea ghandu s-serer gewwa c-Cumnija l-Mellieha. Mistoqsi jekk marx fuq il-post fejn kellu s-serer huwa spjega li f'dan il-kaz le, f'kaz iehor li kellu suspett mar.

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2014 rega' xehed **Anthony Mifsud in kotnro-ezami.** Beda billi qal li llum il-gurnata ilu sitt (6) snin pensjonant pero' kien hemm zmien meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Agrikoltura. Gie muri ittra esebita f'dawn l-atti datata sebgha (7) ta' Novembru, 2003 immarkata bhala dokument KA3, u jghid li f'din l-ittra huwa jaghmel referenza ghall-importazzjoni ta' tadam. Mistoqsi jekk l-investigazzjoni li talab lill-Pulizija biex taghmel kinitx tikkoncerna seba' (7) jew zewg (2) tunnellati tadam, wiegeb li llum il-gurnata nesa peress li ghaddew sebgha (7) snin. Sostna li l-importazzjoni ta' tadam *per se* ma kinitx illegali, l-illegalita' kienet li ddahhal prodott impurtat gewwa l-Pitkalija.

Spjega li f'Novembru t-tadam hawn Malta jkun ghadu se jibda gewwa s-serer u li t-tadam li jkollna fuq is-suq lokali jkun ghadu qawwi, waqt li t-tadam tal-eghlieqi jkun prattikament spicca. Inoltre spjega illi t-tadam in kwistjoni kien tadam tas-serer imqadded fis-sens li malli tmissu jaqa' minn fuq il-*branch* tieghu u ghalhekk zgur li ma kienx prodott tas-serer Maltin.

Mistoqsi jekk tali prodott setax gie migbur mill-eghlieqi spjega illi le dan ma kienx possibbli. Qal li dawn kienu tadam f'eghnieqed li jitkabbru gewwa s-serer. Kompla li huwa personalment m'ghamilx investigazzjoni fl-ghelieqi tal-imputati, pero' kien qabbad lil Peter Agius sabiex jaghmel investigazzjoni w jirraporta fuq it-tadam li kien hemm fl-ghelieqi tal-imputati. Sostna li ma jistax jghid jekk Peter Agius kienx mar personalment, pero' skond ma qallu dan kien ra s-*samples* tat-tadam u fil-fatt, sa fejn jaf hu, Agius kien ghamel rapport dwar dak li kien ghamel.

Spjega li t-tadam li kien hemm il-Pitkalija ta' Malta f'dak iz-zmien ma jitkabbarx, izda kien ghadu jibda. Spjega li t-tadam il-komuni li jitkabbar fl-eghlieqi jkun jew zenguli jew mic-catt u ghalhekk mhux bhal dawn, li kienu tondi bl-eghnieqed. Saritlu referenza ghal dak li qal fid-dokument tieghu KA3 u proprju ghall-SMPPMA u spjega illi dak kien sussisdju li kien jaghti l-Gvern ghal dawk il-prodotti Maltin li jidhlu fil-Pitkalija. F'dan il-kaz jista' jghid li t-tadam kien gie mpurtat u cio' nonostante ddahhal il-Pitkalija, w ghalhekk ikkonferma dak li huwa qal fix-xhieda tieghu precedenti tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar, 2014 a fol. 71 et sequitur, li effettivament l-Ewropa kienet tohrog sussidji fuq prodotti Maltin.

Cahad dak li ssuggerietlu d-Difiza li effettivament l-Ewropa ma kienitx tohrog sussidju fuq il-prodotti. Spjega illi s-sussidji kien johroghom il-Gvern qabel ma saret l-*accession* fl-Ewropa. Gie muri dokument li huwa mmarkat bhala dokument P u spjega illi dan ukoll jitkellem dwar *State Aid* pero' mhux applikabbli ghall-kaz ghaliex il-kaz in kwistjoni sehh fl-2003 u apparti dak li jghid l-SMPPMA

Programme huwa llegali li ddahhal prodott impurtat gewwa l-Pitkalija.

Ix-xhud qal li jaf li effettivament hemm tadam li jghidulu tal-qasab, jigifieri dan huwa tadam li jithawwel fl-art *facing south* u jixxeblek mal-qasab. Pero' sostna li dan it-tip ta' tadam xorta ma jidholx imqadded gewwa l-Pitkalija, bhal dan in ezami. Spjega li t-tadam in kwistjoni kien imqadded fis-sens li appena tmissu jaqa'. Spjega li hawn hafna varjetajiet ta' tadam li jitkabbru hawn Malta w kull sena jitbiddlu. Insista li hawn Malta ma nistennewx illi t-tadam jasal f'dak l-istat ta' imqadded biex indahhluh il-Pitkalija.

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2014 xehed **Charles Sammut** u mistoqsi x'inhu x-xoghol tieghu huwa spjega li llum irtirat. Mistoqsi x'kien xoghlu f'Novembru, elfejn u tlieta (2003) huwa spjega li kien Agriculture Foreman. Mistoqsi jekk jiftakarx f'xi kaz li kien hemm f'Novembru, elfejn u tlieta (2003) dwar xi tadam li ddahhal il-Pitkalija huwa spjega li jiftakar f'kaz li kienu marru jiccekjaw il-Pitkalija, pero' illum ma jiftakarx bl-ezatt x'sabu w ghalhekk jippreferi joqghod fuq ir-rapport li kienu ghamlu dakinhar. Gie muri dokument KA 3 u spjega li jippreferi joqghod fuq dan ir-rapport li sar u r-rapport ikkonfermah. Mistoqsi jekk jafx lis-Sinjuri tal-ewwel bank huwa spjega li jafhom. Mistoqsi kif jafhom huwa spjega li jafhom bhala jgibu x-xoghol id-Dipartiment. Huwa spjega li jafhom ukoll ghax mill-Mellieha u jaf li jgibu x-xoghol minn barra, mill-Italja. Jghid li jiftakar li mar jara t-tadam fil-Pitkalija. Mistoqsi jafx jekk l-imputati ghandhomx serer jew le, spjega li jaf fic-cert li xi hadd minnhom ghandu s-serer pero' ma jiftakarx jekk f'dan il-kaz kienx marx jara tadam hemm.

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2014 xehed **Peter Agius** li qal li llum ilu 'l fuq minn disgha (9) snin pensjonant. Spjega li f'Novembru, 2003 hu kien Principal Agriculture Officer. Gie muri d-dokument KA 3 u mistoqsi jekk jiftakarx dwar kaz li gie rraportat lill-Pulizija dwar tadam li allegatament kien gie impurtat minn barra minn Malta w li ddahhal il-Pitkalija, w jekk hu kienx involut f'din l-investigazzjoni u jekk kien involut x'kien l-irwol tieghu, x'ghamel u x'ra. Spjega li dak ir-rapport ma jafx li qatt rah u jghid li l-kaz kien sar xi tnax (12) jew tlettax (13)-il sena qabel. Sa fejn jaf hu l-*covering letter* qatt ma raha ghalkemm fir-rapport hemm il-firma tieghu. Mistoqsi jekk jikkonfermax dak li hemm iffirmat minnu huwa spjega li jrid joqghod jistudjah peress li dak ilu tnax (12) jew tlettax (13)-il sena. Huwa spjega li kien hemm xi tadam imhallat. Mitlub jispjega x'jiftakar fuq dan il-kaz spjega li jaf li l-Pitkalija ma tistax iddahhal prodotti mpurtati jew ghall-inqas dik kienet is-sitwazzjoni ta'dak iz-zmien. Mistoqsi jekk riedx ftit zmien biex jaqra r-rapport huwa kompla jispjega li ma tistax iddahhal prodotti mpurtati u kien hemm rapport li dahal it-tadam impurtat u hu mar u sabu mhallat. Mistoqsi jekk hu marx jarah spjega li dak iz-zmien kien *sharp* hafna fix-xoghol tieghu imma llum ilu li spicca, pero' ftakar li mar il-Pitkalija w sa fejn jaf hu kien hemm it-tadam imhallat, fis-sens li kien hemm tadam li jidher frisk u tadam mhux daqstant frisk. Mistoqsi jekk apparti il-prodott li ra l-Pitkalija marx x'imkien iehor jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jafx lill-imputati spjega li fiz-zmien it-tnejn (2) li huma kienu bdiewa. Mistoqsi jekk jafx jekk ghandhomx xi serer spjega li iva, is-Sinjur Joseph Manuel Galea kellu ghax kien dilettant tas-serer. Mistoqsi jekk f'dan il-kaz jiftakarx jekk marx jara xi tadam fis-serer ta' Galea, spjega li hu kien

imur ghand xi tlieta (3) kuljum, jigifieri difficli jghid illum jekk fil-fatt marx ghandu.

Illi nhar il-21 ta' Frar, 2014 xehed **Francis Sammut** u ddikjara li ilu sentejn pensjonant. Mistoqsi f'Novembru, 2003 x'kien ix-xoghol tieghu spjega li kien jahdem bhala Principal fl-Agrikoltura w appuntu fis-sezzjoni tal-kwarantina. Mistoqsi x'jiftakar rigward kaz fuq xi tadam li ddahhal il-Pitkalija allegatament minn barra wiegeb li ma jiftakarx fic-cert pero' ghandu idea w allura jassumi li kienu ghamlu xi rapport. Muri d-dokument KA3, konsistenti f'*covering letter* u numru ta' dokumenti spjega li qed jgharaf il-firma tieghu fuq ir-rapport dwar tadam li kien hemm fil-Pitkalija. Jghid li mill-memorja jidhirlu li kien hemm hafna kaxxi bit-tadam, uhud minnhom kienu iktar misjurin biex minn ohrajn, jigifieri bicciet minnhom kienu homor u forsi bicciet minnhom inqas homor. Qal li dak iz-zmien it-tadam kien jippurinawh billi juzaw xi tip ta' *hormone* artificjali w hafna drabi t-tadama tifforma qisu bezzul zghir fejn tkun ghaqdet it-tadama. Jghid li kien jidher li parti mit-tadam kien attiv u ma kienx tal-istess tip. Mistoqsi jekk jikkonfermax x'hemm miktub f'dak ir-rapport huwa kien lest li jikkonfermah mija fil-mija.

Mistoqsi jghid fejn kien ra dan it-tadam huwa rrisponda li jahseb li kien rah il-Pitkalija. Mistoqsi jekk jafx lill-imputati qal li jafhom bhala bdiewa mill-Mellieha w li anke jaf lil missier wiehed minnhom u lill-iehor jafu ghax ghal xi zmien kien jahdem il-Pitkali. Mistoqsi jafx jekk kellhomx xi serer wiegeb li aktarx xi wiehed minnhom ghandu, pero' mhuwiex mija fil-mija ghax hu qatt ma rahom u lanqas ma jiftakar li kien mar jara xi tadam go xi serer.

Illi nhar it-2 ta' Mejju, 2014 xehed **PS 186 Kristian Mintoff** li kkonferma li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti l-Magistrat illum Imhallef Dr. Abigail Lofaro u dan b'digriet taghha tal-ghaxra (10) ta' Novembru, *two thousand and three* (2003) rigwardanti inkjesta dwar allegat frodi ta' tadam fil-Pitkalija ta' Ta' Qali.

Huwa fil-fatt qed gharaf ir-relazzjoni tieghu esebita f'dawn l-atti, markata bhala dokument KM li tinsab inserita fl-atti a fol. 26 tal-inkjesta relattiva, liema nkjesta tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala dokument RB1 a fol. 58 tal-Process.

Illi nhar it-2 ta' Mejju, 2014 xehed **Dr. Antoine Vella** li spjega li huwa gradwat fl-Agrikoltura w ghal diversi snin hadem mal-Organizzazzjoni tal-Bdiewa u ma' xi kooperattiva w sussegwentement fid-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-ahhar hmistax (15)-il sena kien jahdem l-Universita'. Illum pensjonant.

Ikkonferma li huwa kien giet nominat mill-allura Magistrat illum Imhallef Dr. Abigail Lofaro b'digriet taghha tal-hdax (11) ta' Novembru, 2003 u dan in konnessjoni m'inkjesta li saret gewwa ghalqa fl-inhawi tal-Ahrax limiti tal-Mellieha gewwa diversi serer tax-xtieli gewwa l-Qammieh u gewwa garaxx il-Mellieha.

Huwa fil-fatt gharaf ir-relazzjoni tieghu liema relazzjoni hija datata sbatax (17) ta' Novembru, 2003 u tinsab inserita fl-atti tal-inkjesta mmarkata bhala dokument AV.

Ikkonferma li fil-fatt dan huwa r-rapport tieghu u kkonferma l-kontenut tieghu filwaqt li qal l m'ghandu xejn xi jzid mal-konkluzjoni tieghu hemm imsemmija. Ikkonferma li effettivament huwa kien mar il-Pitkalija fejn kien dahal xi tadam il-Pitkalija li allegatament kien gie ppresentat bhala prodott ta' Malta. Jghid li pero', meta ezamina dan l-istess tadam, irrizultalu illi kien differenti mill-prodott Malti.

Zied li sussegwentement kien gie akkumpanjat minn Spettur tal-Pulizija w kien mar fl-inhawi tal-Mellieha gewwa s-serer u hemmhekk kien ezamina mill-gdid xi tadam. Anzi, spjega, li huwa hemmhekk kien ezamina xi pjanti li kienu ghadhom ma bdewx jipproducu u fil-fatt kienu ghadhom zghar. Pero' spjega li effettivament kien hemm xi tadam li tpogga b'mod artificjali speci ta' *christmas tree* u dan sabiex dak li jkun minn barra jara li effettivament kien hemm xi ftit tadam. In segwitu' jaf li kien mar go garaxx tal-istess sid u li ra li kien hemm numru kbir ta' kaxxi ta' tadam minn Sqallija pero' l-kaxxi kienu vojta.

Huwa jista' jikkonferma li l-kaxxi li ra kienu vojta w tadam minn Sqallija ma rax. Huwa pero' kkonferma li l-prodott li ezamina gewwa l-Pitkalija ma kienx prodott ta' Malta. Jghid li kien hemm persuna li kien indika l-prodott li kien hemm fil-Pitaklija bhala tadam li kien gej mis-serra tieghu, pero' meta hu (x-xhud) mar fis-serra sab li l-pjanti kienu ghadhom zghar wisq sabiex jipproducu dan it-tadam.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-12 ta' Gunju, 2014 (fol. 106) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fid-19 ta' Gunju, 2014 gew moqrija l-Artikoli w l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar it-12 ta' Jannar, 2015 xehed minn jeddu w b'md volontarju l-imputat **Joseph Manuel Galea** w spjega li fiz-zminijiet 2003 huwa kien jahdem gewwa l-biccerija u dana fil-kapacita' tieghu ta' *technical officer*. Apparti dan kellu xoghol iehor ta' *part time farmer* u fil-fatt huwa kellu *tags* biex imur il-Biccerija SPB1 u dan in-numru jigi moghti lilu mill-koperattiva stess. Spjega illi una volta l-bidwi jdahhal prodott tieghu fil-Pitkalija, kull kaxxa jrid ikollha speci ta' *sticker* bhal dik li wera lill-Qorti w esebixxa wahda minnhom li giet immarkata bhala SPB1. Il-Pitkalija mhux suppost taccetta kaxxa minghajr *sticker* bhal din. Stqarr illi fil-fatt kien hu flimkien ma' Joseph Attard li ppreparaw dawn il-kaxex tat-tadam. Spjega illi Joseph Attard huwa *full time farmer* u kien imur iktar spiss il-Pitkalija. Jiftakar li huwa dakinhar kien xoghol u Joseph Attard kien ha dawn il-prodotti l-Pitkalija, naturalment bl-i*sticker* fuqhom ghax inkella ma kienux jigu accettati. Spjega illi effettivament dahlu bl-i*sticker* tas-Sur Attard, jekk mhux sejjer zball SPB77. Spjega illi inti tiehu l-prodott tieghek ghand il-pitkal, tirregistrah u jtik ir-*receipt* ta' dak li tkun tajtu, wahda jtiha lilek u l-ohra jzommha hu u l-prodott in kwistjoni ma jibqax mas-sid. Inti kull ma taghmel huwa li thott, tissommah fis-sens illi tirregistra l-prodott u titlaq. Una volta inti thott il-kaxxa ma jibqaghlekx kuntatt maghha.

L-iputat Galea fl-istess seduta in kontro-ezami spjega illi wara li huwa kien hatt it-tadam tieghu, ma regax rah. Huwa minnu pero' illi l-Pulizija in segwitu' marret fil-garaxx tieghu. Mistoqsi jekk hux minnu

li l-Pulizija sabet kaxxi bil-prodott tat-tadam fil-garaxx tieghu li ma kienx prodott lokali, spjega li jista' jkun, pero' llum-il gurnata nesa. Gie muri sett ta' ritratti li jinsabu gol-Proces Verbal, liema ritratti jinsabu a fol. 17 tal-atti, w spjega li dawn huma ritratti bit-tadam. Gie muri ritratt partikolari mmarkat bhala dokument PF44 u spjega illi dan huwa tadam ta' barra. Spjega illi l-mahzen tieghu fil-fatt jintuza mis-Sur Attard u li dan it-tadam qatt ma kien tieghu. Sostna illi mhux minnu li l-Pulizija marret fl-ghalqa tieghu, marret biss fis-serra. Gie muri ritratt esebit ukoll fl-atti tal-inkjesta, li huwa mmarkat bin-numru 03CZC112, u spjega illi fuq dan ir-ritratt hemm tliet kaxxi, wahda minnhom bin-numru SP77 u z-zewg kaxxi l-ohra m'ghandhomx it-timbru tieghu SPB1 kif esebit fl-atti u mmarkat bhala SPB1. Hemm marka SP1 differenti mill-isticker tieghu u spjega illi fir-ritratti esebiti jinsabu *stickers* ohrajn ta' bdiewa ohra.

Illi nhar it-12 ta' Jannar, 2015 xehed **Dr Justin Zahra** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Agrikoltura fi hdan id-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali fil-Ministeru tal-Izvilupp Sostenibbli, tal-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Spjega illi bejn Ottubru u Novembru ta' 2003 ma kien hemm l-ebda sussidju mill-Ewropa izda kien hemm sussidju moghti mill-fondi nazzjonali, w dan ghaliex Malta dahlet fl-Ewropa fl-1 ta' Mejju, tas-sena 2004 u mill-*file* jidher illi bejn l-1 ta' Ottubru, 2003 u t-30 ta' Novembru, 2003 fir-rigward ta' fondi nghata s-sussidju ta' 0.0151*pounds (Lm0.0151)* per *kilo*. Qisu *one point* (1.1) *cents five* (5) *mills* u *one* (1) wara l-*five* (5) *mills*. Qal illi t-tadam mhux inkluz mal-frott, izda kellu sussidju ghalih. Spjega illi mill-*files* li ghandhom mizmumin fl-Agrikoltura ma jirrizultalux x'kien is-sussidju li kien jinghata dak iz-zmien ghat-tadam. Mistoqsi x'kien il-

*levy* ta' mportatur tat-tadam per *kilo* f'dak l-istess perjodu spjega illi filwaqt li r-responsabbilta' tal-*levy* ma jaqax taht id-Dipartiment tieghu izda taht id-Dwana jista' jwiegeb id-domanda mir-ricerka li ghamel u dan ghaliex hija ppublikata fil-*Local Manufacturers Promotion Act Regulations* tal-elfejn u tnejn (2002), it-tieni cedola, l-ewwel parti. Fil-kaz tat-tadam frisk jew *chilled* bejn l-1 ta' Novembru, 2003 u Mejju, 2004 kien *fifty two cents* (52c) per *kilo*. Qal li qabel kien hemm *levy*, pero' ma l-ammont ma jafux. Spjega illi d-differenza bejn Pitkala tal-Gvern u Pitkala tal-Koperattiva tohrog mil-ligi stess, *subsidiary legal notice 117.04 Marketing of Agricultural Produce Regulation* fejn hemm id-definizzjoni ta' Pitkal: *a person who undertakes to sell to third parties on account of the owners agricultural produce as defined in regulation four (4) at the marketing centre* u l-istess legislazzjoni tiddefinixxi *society* bhala *a cooperative society among farmers duly registered under the cooperative societies act*. Ghalhekk fir-regolament numru sitta (6) li huwa r-regolament operattiv kemm il-Pitkala f'din id-definizzjoni u kif ukoll *societies* huma limitati li jbieghu ix-xoghol gewwa l-*marketing centre* tal-Pitkalija. Mistoqsi jekk id-Dipartiment tieghu ghamilx kawza fil-konfront ta' Joseph Manuel Galea sabiex jirkupra xi sussidju li seta' nghata fuq it-tadam spjega illi minn ricerka li ghamel ma jirrizultalux li kien hemm dan.

Illi nhar it-28 ta' April, 2015 rega' xehed **Dr Justin Zahra** u spjega illi in segwitu' tax-xhieda tieghu tas-seduta precedenti huwa kien ghamel il-kontrolli tieghu u ghamel dan billi kkomunika mad-Dipartiment tad-Dwana u dan ghaliex kien hemm bidla fil-ligi sussidjarja u jikkonferma li sas-sena elfejn u tnejn (2002) il-*levy*

kienet ta' sittin centezmu Maltin (60c) fuq kull *kilo* u dana ghat-tadam frisk u a bazi tal-Legal Notice 15 tas-sena *nineteen nintey five* (1995) din kienet giet rimpjazzata pero’ ma kienx hemm *levy* separata izda wahda kompluta. Il-*levy* saret *fifty two cents* Maltin (52c) ghal kull *kilo*.

Spjega illi fis-snin 2002, dawk l-akkwati, s-sussidju kien jinghata b'mod globali u mhux b'mod individwali u ghalhekk mhuwiex f'pozizzjoni li jghid x'sussidju kien inghata fir-rigward tat-tadam frisk wahdu, ghalkemm jaf li kien inghata. Jghid li din tohrog biss meta taghmel il-kalkoli ndividwalment, pero' ufficjalment ma jistax jaghti rata.

Illi nhar it-22 ta Gunju 2015 dehru l-partijiet u trattaw il-kaz u talbu li din il-Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza finali.

**Ikkunsidrat:.**

Illi l-imputat Joseph Attard ma xehedx f’dawn il-proceduri pero’ kien irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, liema stqarrija hija mmarkata bhala Dok KA5 datata 11 ta’ Novembru 2003 fejn jghid li huwa jahdem bhala bidwi *full time* u ghandu l-eghlieqi bis-serer tieghu fil-Qammieh, L-Ahrax tal-Mellieha. Jghid li kien ikabbar it-tadam bi shab ma’ Joseph Galea. Jikkonferma li f’Awissu tas-sena 2003 kienu hadu xi tadam minn serra minnhom, liema tadam kienu kabruh fiha stess. Jghid li kienu hadu l-prodott il-Pitkalija u wara kienu harqu x-xtieli li kien fadal fuq il-post. Dwar is-serra l-ohra, li kellha tliet (3) *huts*, jghid li tomna minnhom hija bit-tadam u l-ohrajn fihom prodotti ohra. Qal li t-tadam li kien hemm kien inzera f’Lulju

2003 w ma setax jghid kemm hadu prodott minnu imam jghid li fil-fatt kien ghad fadal hafna prodott x'jiehdu minnha. Mistoqsi ghaliex it-tadam kien kollu ahdar fil-kulur apparti tliet (3) eghnieqed li kienu homor u li jinsabu fl ewwel ringiela, ma kienx jaf jirrispondi. Fil-fatt gie allegat li t-tadam ma kienx tal-istess tip u mhux tal-istess tip li kien hemm fis-serer, u mistoqsi jispjega ghaliex kien hekk jghid li ma setax jaghti spjegazzjoni. Jikkonferma wkoll li fl-ghalqa ta' wara s-serra kien hemm it-tadam u kienu minnha sa tmienja jew ghaxart ijiem qabel dakinhar tal-isqarrija u fil-fatt jghid li haduh kollu l-Pitaklija. Ikkonferma li l-Pitaklija jmur kull nhar ta' Tnejn u Hamis pero' ma setax jghid kemm hadu tadam.

Ikkonferma li xi tliet gimghat qabel kien tela' Pozzallo, Sqallija, flimkien ma' Joseph Galea w kienu mportaw it-tadam. Mistoqsi jghid kemm nizzlu tadam, jghid li ma jafx pero' jghid li telghu xi erba' darbiet. Imbaghad jispjega ahjar u jghid li darba minnhom huwa ma telax izda kien silef il-van tieghu lil Joseph Galea. Jghid li t-tadam gabuh bil-Catamaran. Jghid li fil-fatt it-tadam kien inzamm gewwa l-garaxx ta' Joseph Galea w fil-parti l-kbira tieghu kien gja mibjugh, izda kienu wkoll irmew minnu (xi 500 kilo) ghax kien hzien. Fil-fatt ikkonferma li kien ghad baqa' xi sittin (60) kaxxa fil-mahzen ta' Joseph Galea. Mistoqsi jghid lil min biegh it-tadam jghid li ma jafx ghaliex kien ibieghu fit-triq u ricevuti m'ghandux. Fil-fatt jghid li kien hemm min ha ghaxar kaxxi w kien hemm min ha hmistax-il kaxxa.

Jghid li l-Pitkalija ha tadam mill-ghalqa tieghu, pero' ma jafx kemm ghaliex karti ma jzommx. Mistoqsi jekk setax kien il-kaz li ha zewg tunnellati fix-xahar ta' Novembru, jghid li seta' kien il-kaz. Mistoqsi

jekk kienx tadam minn tal-ghalqa tieghu, jghid li iva w mistoqsi jekk setax kien il-kaz li poggew it-tadam ta' Sqallija mieghu jghid li le w minn dan huwa zgur. Jghid li t-tadam taghhom jahznuh fl-istess garaxx fejn kien hemm it-tadam ta' Sqallija. Mistoqsi jekk setax ha zball fis-sens li hawwad it-tadam, jghid li le ghax il-kaxxi huma separati. Mistoqi jekk hallattx it-tadam sabiex jiehu s-sussidju tal-Gvern, cahad kategorikament. Mistoqsi jekk hux minnu li t-tadam li hadu l-Pitaklija fix-xahar ta' Novembru 2003 kien kollu ta' Sqallija, cahad ukoll, pero' jghid li ma jafx il-piz tat-tadam li kellu fl-ghalqa. Ikkonferma li l-Hamis ta' qabel kien dahhal 26 kaxxa tadam u dan billi hattewh u taw lill-pitkala w inghataw ricevuta.

Joseph Galea ghalkemm xehed f'dawn il-proceduri kien ukoll irrilaxxja stqarrija nhar il-11 ta' Novembru 2003, u li giet immarkata Dok. KA6. Ikkonferma li kien ikabbar it-tadam fis-serer tieghu gewwa l-Mellieha w l-Armier. Mistoqsi meta l-ahhar hadu tadam mill-eghlieqi, ghazel li ma jwegibx, kif kellu kull dritt jaghmel. Mistoqsi dwar il-kwalita' tat-tadam u affarijiet ohra in konnessjoni mall-ikkoltivar tat-tadam, ghazel li jibqa' sieket.

Illi ghalhekk, minn ezami tas-suespost, jirrizulta minn dak li qal l-imputat Joseph Attard, li kien mar Sqallija f'xi tlieta jew erba' okkazjonijiet u nizzel it-tadam. Li effettivament huwa jahdem bi shab ma' Joseph Galea w li flimkien jikkoltivaw it-tadam fl-eghlieqi taghhom, u li wara li jahznu l-istess itellghuh il-Pitkalija sabiex jinbiegh. Jidher, skond ma qal Attard, li effettivament kien ibiegh ukoll ammont kbir ta' tadam fit-toroq, u dan b'referenza ghat-tadam li xtara minn Sqallija, pero' mistoqsi ghal xi ricevuti jew ammonti jghid li ma jafx. L-istess ghandu jinghad ghal dak li qal Galea meta gie

mistoqsi kemm biegh tadam lill-Pitkalija jew kemm kabbar tadam, u jghid li ma jafx u ricevuti w dokumenti ma kellux.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'rapport t'espert, u cioe' ta' Antoine Mifsud fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tal-Agrikoltura, datat 7 ta' Novembru 2003 u mmarkat bhala Dok KA3. Minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li mieghu kien hemm rapport maghmul minn tliet ufficcjali tal-pitakalija w cioe' Peter Agius, Francis Sammut u Charles Sammut li lkoll ikkonfermaw li fil-kaxxi li ttiehdu l-Pitkalija kien hemm tadam imhallat u cioe', ammont minnu misjur w iehor le, parti minnu li kien f'eghenieqed u ohrajn li kienu wahdied. Parti minnu kien hamrani w ohrajn kienu ghadhom bla kulur ghax kienu ghadhom ma sarux. Qalu wkoll li minn spezzjoni li ghamlu fis-serer ta' Joseph Galea, l-prodott tat-tadam ma kienx ghadu lest u ghalhekk ma setax kien il-kaz li t-tadam li dahhal il-Pitkalija gie minn dawn is-serer. Gew esebiti wkoll diversi dokumenti dwar l-importazzjoni tat-tadam minn Sqallija (vide Dok KA 4) ghall-peridjou t'Ottubru 2003 f'isem l-imputat Joseph Galea, w ghalhekk ghalkemm l-imputat xehed u rrilaxxja stqarrija m'ghamel l-ebda referenza ghal dawn l-importazzjonijiet, kif ghamel l-imputat Joseph Attard.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-espert Dr. Antoine Vella esebit fl atti tal-inkjesta tal-Proces Verbal, u jirrizulta li mill-eseprjenza vasta tieghu t'aktar minn 25 sena, dan l-espert ikkonkluda li t-tadam li ezamina fil-Pitkalija, w li kien iddahhal mill-imputati, kien ta' zewg tipi - A u B - u jghid li s-Sur Attard qatt ma seta' kellu pjanti li jipproducu t-Tip A w ghalhekk dak tat-tip A ma setax jigi prodott fis-serer tieghu. Fil-fatt jghid li lanqas ma eskluda li dak tat-tip B ingieb minn x'imkien iehor, peress li l-wicc li ra fis-serra tas-Sur Attard kien

ghadu lura. Fil-fehma tieghu it-tadam, kemm tat-tip A u tat-tip B, kien gie mportat minn Sqallija.

Illi l-imputati fl-ebda hin ma kkontestaw dan ir-rapport jew talbu li jigi nominat xi espert waqt il-kumpilazzjoni w gbir tal-provi, w dan sabiex jezamina r-ritratti li kien hemm esebiti w jikkonkludi dwarhom, jew almenu jigi mistoqsi jekk jaqbilx mal-konkluzoni tal-espert nominat fl-inkjesta.

Jidher li l-imputati ma ressqu l-ebda prova sabiex jipprovaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament it-tadam li mportaw minn Sqallija fil-fatt inbiegh lil terzi, ma giet prodotta l-ebda ricevuta jew *invoice*. Lanqas ma gabu prova li effettivament it-tadam li hadu l-Pitkalija kien simili - jekk mhux identitiku - ghal dak li kellhom fis-serer jew fl-ghalqa ta' madwar. Ix xhieda kollha li xehdu qalu li ma raw l-ebda rassomiljanza bejn il-prodott li kien hemm il-Pitaklija w dak li kien hemm ghand l-imputati.

Ghalhekk huwa probabbli li dak li qal l-Ufficcjal Prosekutur f'wahda mid-domandi tieghu fl-istqarrija, cioe' li meta kienu qed jippakkjaw il-kaxxi fil- garaxx ta' Galea huma poggew ukoll fl-istess kaxxi tadam li mportaw minn Sqallija.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali.</u>**

L-imputati fl-ewwel lok huma akkuzati bir-reat ta' frodi komunement maghruf bhala 'r-reat ta' truffa' w dan ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji w hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf

bhala *steliolat* u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-Kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. Il-ligi taghna tittratta fuq il-frodi fis-Sub-titolu III tat-Titlu IX, tat-Tieni Taqsima, tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali u dan id-delitt kif sejjer jinghad aktar 'il quddiem gie diversi drabi ikkummentat minn din il-Qorti diversament presjeduta, w anke kif prezentement presjeduta, ghal kwazi mitt sena b'certa konsistenza. Din il-Qorti, ghal kull buon fini, taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 2 ta' Lulju 1979 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Schembri** fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan ir-reat fis-sistema nostran, kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat ir-reat ta' truffa.

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-**paragrafu 5 tal-Artikolu 430** tal-Kodici Delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici tad-Due Sicilie, it-truffa kien isejhilha Frodi – del resto anke illum dan id-delitt fil-Kodici taghna hu indikat bhala "*frodi b'ghemil qerrieqi*".

Skond gurisprudenza kostanti, li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:-

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem li jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:-

(a) b'mezzi kontra l-ligi; jew
(b) billi jaghmel uzu t'ismijiet foloz; jew
(c) ta' kwalifiki foloz; jew
(d) billi jinqeda b'qerq iehor; u
(e) ingann; jew
(f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz; jew
(g) ta' hila;
(h) setgha fuq haddiehor; jew
(i) ta' krediti immaginarji; jew
(j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Fis-sentenza tas-27 ta' Mejju 1975 moghtija mill-Qorti Kriminali komposta minn tlett Imhallfin fil-kawza **Rex vs Victorio Azzopardi** (Vol. XXIX – IV – p.398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn **Chaveau et Helie** u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti w li hu

necessarju li jkunu mpjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina versus Giuseppe Galea** tat-12 ta' Mejju 1887 fejn gie stabbilit illi "*che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel* ***articolo 282*** *(illum 308) non e' necessaria la concorrenza fi ambedue i mezzi menzionati nell' atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti*."

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna, w ta' din il-Qorti specjalment. Hekk l-Imhallef W. Harding fis-27 ta' Mejju 1944 in re **il-Pulizija vs Nikol Bonnici** qal "*il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falsa, ma richiede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falsita' assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto e dalla fede*."

Il-mibki Imhallef Guze' Flores fil-kawza **Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Parnis** deciza fil-31 t'Ottubru 1959, segwa l-istess interpretazzjoni w esprima ruhu kif gej: "*Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-**artikolu 322** (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li*

*tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera w b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-Dritt Franciz mise en-scene.*"

L-istess interpretazzjoni l-Imhallef Flores irrepetieha fis-sentenza tieghu fil-kawza **il-Pulizija versus Schreiner** deciza fit-3 ta' Marzu 1956 u fil-kawza **Il-Pulizija vs Gerald Portelli** deciza fis-7 ta' April 1956.

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-**artikolu 308** tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "b*i hsara ta' haddiehor*" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

"*... element essenzjali fir-reat tat-truffa hija l-konsenja tal-oggett u fiz-zmien meta l-imputat kien qed jipprova jikkonvinci lil Busuttil li mhux ser ikun hemm problemi dwar hlas li kien diga' dovut minhabba li*

*kien qieghed jistenna flus biex jithallas minghand haddiehor, il-konsenja diga' saret".*

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputati kkrejaw *messa in scena* billi marru Sqallija, importaw tadam u halltu dan it-tadam ma' dak lokali sabiex jaghtu l-impressjoni li t-tadam kien kollu lokali, sabeix b'hekk ikunu ntitolati ghas-sussidju li kien qed jaghti l-Gvern ghall-prodott lokali. Jirrizulta bla dubbju li effettivament it-tadam li hadu l-Pitaklija mhux prodott Malti w ghalhekk l-imputati qatt ma setghu kienu ntitolati ghal xi sussidju, kif *del resto* hadu wara li kienu tefghu l-applikazzjoni taghhom.

Dwar it-tieni akkuza, w cioe' li ghamlu dikjarazzjoni falza sabiex jiksbu vantagg ghalihom, ai termini tal-**Artikolu 188 tal-Kap. 9 li jiddisponi is segwenti:**

*"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa".*

Fil-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Karl (Carmel) Azzopardi**, deciza fl-1 ta' Novembru, 2013 gie ritenut li:

"*Skont l-artikolu 188 tal-Kap 9, m'hemmx ghalfejn id-dokument ikun falz. Skont dan l-artikolu huwa bizzejjed li wiehed jipprezenta dokument li jkollu taghrif qarrieqi. Jiggifieri, hawn m'hemmx bzonn li*

*jinholoq dokument falz (ex novo) jew li dokument genwin (bhal, per ezempju xi certifikat tat-twelid ikollu xi dettalji mibdulin). Xejn minn dan kollu. F'dan il-kaz huwa t-taghrif li kien fih id-dokument li kien falz*".

Il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-puluzija vs Tonio (Antonio) sive Tony Debono**, deciza fit-22 ta' Marza, 1999, spjegat is-segwenti punti:

*"Il-Kodici Kriminali fid-definizzjoni tar-reati li jaqghu taht l-intestatura ta' falsifikazzjoni ta' skritturi pubblici jew privati, ma jaghmel ebda referenza ghat-tip ta' intenzjoni rikjesta ghall-ezistenza ta' dawn r-reati, salv ghall-artikolu 180 tal-Kap 9, li l-imputat mhux akkuzat bih. Pero dan ma jfissirx li fir-reati li jaqghu taht din l-intestatura d-dolus mhux necessarju".*

Fil-fatt fin-noti tieghu il-Professur Mamo jghid is-segwenti:

"*an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient...or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document in any one of the manners specified by law".*

Skond Carrara mhux bizzejjed li dak li ghamel il-falsifikazzjoni kellu l-intenzjoni li jiffalsifika, pero' li kien jaf li dik il-falsifikazzjoni kienet kontra l-ligi w il-potenzjalita' setghet tikkaguna pregudizzju.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Lebrun** (1945) gie deciz li:"*trattandosi ta' dokumenti pubblici falsifikati, il-fatt stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal-fiducja li tinghata lid-dokument pubbliku".*

Fis-sentenzi wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Rex v Buttigieg** (*1943*), **Rex v Agius** *(1943)* u **Rex v Kent Justices** *(1943),* imsemmija fil-ktieb *Recent Criminal Cases Annotated tal-*Imhallef Harding (pg. 56, 66 rispettivament) gie enuncjat l-istess principju, w cioe' li peress li mhux necessarju l-potenzjalita' li tikkreja hsara fid-dokument pubbliku li gie ffalsifikat, ma hija l-ebda difiza li tghid li dak li ottjena l-persuna b'dak li ffalsifika kien intitolat ghalih.

Pero' jghid il-Professur Mamo, huwa mportanti li :

"*the document must appear upon the face of it to have been made to resemble the true instrument, not necessarily or exact resemblance, but such as to be capable of deceiving persons using ordinary observations according to their means of knowledge".*

Il-Qorti fis-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminal fis-7 ta' Dicembru 2001 rriteniet:

*"...l-Artikolu188 (mizjud fl-1980) jikkontempla kaz ta' falz ideologiku u mhux falz materjali bhalma jikkontemplaw l-Artikoli 181 u 182..."*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appel Kriminali fid-9 ta' Gunju 2010 spjegat id-differenza bejn il-falz materjal u l-falz ideolgiku:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604).*

Fil-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jesmond Ciantar et** deciza fl-1999 gie ritenut illi:

*"l-akkuzat Ciantar gie wkoll akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap 9 w cioe' talli sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika* ***xjentemen****t ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz".*

Dan igibna fir-realm ta' jekk l-ewwelnett id-dokument falz imsemmi fl-artikolu in desamina jridx ikun falz materjali jew falz ideologiku. Fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza w cioe' fil-kontenut ideali tieghu... meta l-falz ideologiku ghalkemm id-dokument ikun genwin *non e' verdico perche colui che lo ha fornito gli fa alterare con contrarie al vero."*

Il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Attard**, deciza mill-Qorti ta' l-Appel; fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti ssolevat:

*"Din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant (imputat) hati skond l-Artikolu 188 ghal raguni wahda w semplici, u cioe'* ***peress li ma gie b'ebda mod pruvat li hu kien jaf*** *li c-certifikat li hareg kien intiz ghal xi awtorita' pubblika."*

Il-Qorti qalet fis-sentenza **Il-Pulizija vs Vincent Grima et**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1998 qalet:

*"Bil-kliem "vantagg jew beneficcju" din il-Qorti tifhem xi vantagg jew beneficcju li wiehed ikun legalment intitolat ghalih kemm-il darba jikkonkorru certi cirkostanzi, bhal per ezempu, xi beneficcju tas-sigurta' socjali, ezenzjoni minn taxxi ecc. Il-hrug ta' karta tal-identita' gdida ma hi la vanagg u anqas benefeccju ai terminu ta' Kap 28".*

Illi fil-kaz in desamina d-dokumenti li l-imputati pprezentaw il-Pitkalija w cioe' li kienu qed idahhlu prodott lokali, huwa falz, u dan ghaliex il-prodott efettivament ma kienx wiehed lokali. Minn dan id-dokument jidher li l-imputati kienu ser jiehdu vantagg, u dan billi kienu ser jiehdu s-sussidju li kien qed jaghti l-Gvern mill-fondi Ewropej fuq prodott lokali.

Ghaldaqstant dawn iz-zewg akkuzi jirrizultaw ipprovati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Dwar l-akkuza tar-recidiva fil-konfront ta' Joseph Galea, din ma tirrizultax, stante li ma giet esebita fl-ebda sentenza kriminali li nghatat fil-konfront tieghu u li illum tinsab *res judicata*, w ghalhekk din il-Qorti ser tilliberah minn tali takkuza.

Il-Qorti rat il-Fedini Penali tal-imputati esebiti fl-atti a fol. 98 sa 104 u rat li m'humiex *First Time Offenders* u jidher li piena karcerarja hija idoneja. Pero' stante li l-ammont defrodat hu de minimis u r-reat ilu li sehh aktar minn ghaxar snin, ser tordna li s-sentenza tkun sospiza,

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' **Artikoli 18, 49, 50, 188, 308, 309, 310 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati JOSEPH ATTARD u JOSEPH MANUEL GALEA hatja tal-ewwel (1) zewg akkuzi w tikkundannahom tnax-il (12) xahar prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH GALEA hati tal-akkuza ta' recidiva w tililberah minnha.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**